MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Numru 936/2008

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)

vs

Martin Deguara

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita'numru 192656(M) li hu akkuzat talli:

1. fit-13 ta' Lulju 2008 u fix-xhur ta' wara din id-data, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa ppersista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

L-akkuza hi dik ta’ ricettazzjoni.

Ghaliha l-akkuzat irregistra ammissjoni li hi wahda volontarja u inkondizjonali.

Issibu ghalhekk hati tal-akkuza kontrih dedotta. Rat l-Artikolu 334 tal-Kap 9. Tiddeciedi  li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f’perjodu ta’ sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu ai termini tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------